REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1938

tad-9 ta' Novembru 2021

li jistabbilixxi l-mudell tad-dokument ta' identifikazzjoni għall-movimenti mhux kummerċjali tal-għasafar domestiċi fi Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz u li jħassar id-Deċiżjoni 2007/25/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 30 u 36 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi, inklużi l-għasafar imsemmija fil-Parti B tal-Anness I tiegħu (għasafar domestiċi), fi Stat Membru minn territorju jew pajjiż terz, inklużi r-regoli għall-verifiki tad-dokumenti u tal-identità fuq movimenti mhux kummerċjali bħal dawn.

(2) L-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 jipprevedi li l-għasafar domestiċi li jittieħdu fi Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz iridu jkunu akkumpanjati minn dokument ta' identifikazzjoni. L-Artikolu 30 ta' dak ir-Regolament jipprevedi wkoll mudell tad-dokument ta' identifikazzjoni li jrid jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni, u li dak id-dokument ta' identifikazzjoni jrid ikun fih dikjarazzjoni bil-miktub mis-sid jew minn persuna awtorizzata li tikkonferma li l-moviment tal-għasafar domestiċi fl-Unjoni huwa moviment mhux kummerċjali (dikjarazzjoni bil-miktub). Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi dak id-dokument mudell ta' identifikazzjoni, li jenħtieġ li jkun magħmul minn ċertifikat veterinarju (ċertifikat veterinarju), kif ukoll mid-dikjarazzjoni bil-miktub.

(3) Ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti mhux kummerċjali tal-għasafar domestiċi fi Stat Membru minn territorju jew pajjiż terz huma stipulati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1933 ([2]), li japplika mill-1 ta' Jannar 2022. Għalhekk, jenħtieġ li l-mudell tad-dokument ta' identifikazzjoni jqis ir-regoli stabbiliti f'dak ir-Regolament Delegat.

(4) Ir-regoli attwali ta' ċertifikazzjoni għall-movimenti mhux kummerċjali tal-għasafar domestiċi fi Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/25/KE ([3]). Billi r-regoli stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni jridu jiġu sostitwiti bir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2021/1933 u f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2007/25/KE titħassar u jenħtieġ li kwalunkwe referenza għal dik id-Deċiżjoni tinftiehem bħala referenza għal dan ir-Regolament u għar-Regolament Delegat (UE) 2021/1933.

(5) Sabiex jiġi evitat kull tfixkil fir-rigward tal-introduzzjoni tal-għasafar domestiċi fl-Unjoni, jenħtieġ li l-użu ta' ċertifikat veterinarju u dikjarazzjoni konformi mar-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2007/25/KE jiġu awtorizzati matul perjodu tranżizzjonali ta' tliet xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

(6) Billi r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament iridu jiġu applikati flimkien mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2021/1933, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll mill-1 ta' Jannar 2022.

([1]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1933 tal-10 ta' Novembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-movimenti mhux kummerċjali tal-għasafar domestiċi fi Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz (ĠU L 396, 10.11.2021, p. 4).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/25/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 fir-rigward ta' ċerti miżuri ta' ħarsien relatati mal-influwenza tat-tjur li għandha patoġeniċità għolja u l-movimenti ta' għasafar domestiċi li huma akkumpanjati mis-sid tagħhom fil-Komunità (ĠU L 8, 13.1.2007, p. 29).

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi mudell tad-dokument tal-identifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 14(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 li għandu jintuża għall-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi tal-ispeċijiet avjarji imsemmija fil-Parti B tal-Anness I tiegħu (għasafar domestiċi), fi Stat Membru minn territorju jew pajjiż terz.

Artikolu 2

Mudell ta' dokument ta' identifikazzjoni

1. Il-mudell tad-dokument ta' identifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 1 huwa mniżżel fl-Anness, u jikkonsisti f'dan li ġej:

(a) iċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness;

(b) id-dikjarazzjoni bil-miktub li trid tiġi ffirmata mis-sid jew minn persuna awtorizzata stabbilita fil-Parti 2 tal-Anness.

2. Iċ-ċertifikat veterinarju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandu jikkonforma ma' dan li ġej:

(a) għandu jimtela' f'konformità man-noti fil-Parti II taċ-ċertifikat veterinarju;

(b) għandu jinħareġ minn veterinarju uffiċjali tat-territorju jew tal-pajjiż terz tat-tluq jew minn veterinarju awtorizzat u sussegwentement approvat mill-awtorità kompetenti ta' dak it-territorju jew ta' pajjiż terz f'konformità mar-rekwiżiti rigward il-ħruġ taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fil-Parti 3 tal-Anness.

3. Id-dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandha timtela' mis-sid jew mill-persuna awtorizzata f'konformità mar-rekwiżiti rigward il-ħruġ tad-dikjarazzjoni bil-miktub stipulata fil-Parti 4 tal-Anness.

Artikolu 3

Tħassir

Id-Deċiżjoni 2007/25/KE titħassar.

Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għar-Regolament Delegat (UE) 2021/1933.

Artikolu 4

Miżuri tranżizzjonali

Għal perjodu tranżizzjonali sal-31 ta' Marzu 2022, l-Istati Membri għandhom ikomplu jawtorizzaw il-moviment mhux kummerċjali fl-Unjoni ta' għasafar domestiċi akkumpanjati minn ċertifikat veterinarju maħruġ mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2022 f'konformità mal-mudell taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/25/KE u d-Dikjarazzjoni stabbilita fl-Anness III tagħha.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Mudell tad-dokument ta' identifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 14(2), il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 għall-movimenti mhux kummerċjali ta' għasafar domestiċi fi Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz

PARTI 1

Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-movimenti mhux kummerċjali ta' għasafar domestiċi fi Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz

PAJJIŻ:

Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur
Isem

Indirizz

Nru tat-tel.

I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat

I.2.a

I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti

I.4. Awtorità Kompetenti Lokali

I.5. Konsenjatarju
Isem

Indirizz

Kodiċi Postali
Nru tat-tel.

I.6. Persuna responsabbli mill-konsenja fl-UE

I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi

I.11. Post tal-oriġini

Isem
Indirizz

I.12. Post tad-destinazzjoni

Isem Numru ta' approvazzjoni
Indirizz

I.13. Post tat-tagħbija

I.14. Data ta' tluq

I.15. Mezz tat-Trasport

I.16. BCP tad-dħul fl-UE

I.17. Nru(Nri) tas-CITES

I.18. Deskrizzjoni tal-komodità

I.19. Kodiċi tal-komodità (Kodiċi SA)

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodotti

I.22. Għadd totali ta' imballaġġi

I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur

I.24. Tip ta' imballaġġ

I.25. Il-prodotti ċċertifikati għal dan li ġej:

☐ Kwarantina ☐ tal-annimali domestiċi

I.26. Għat-tranżitu f'pajjiż terz

I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE

I.28. Identifikazzjoni tal-komoditajiet

Speċi (Isem xjentifiku)	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru tal-identifikazzjoni	Kwantità

PAJJIŻ: **Moviment mhux kummerċjali ta' għasafar domestiċi lejn Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz**

	II. Informazzjoni dwar is-Saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza IMSOC

Parti II: Ċertifikazzjoni

Jiena s-sottoskritt, veterinarju uffiċjali[1] jew veterinarju awtorizzat[1] ta' ..... (ikteb l-isem tat-territorju jew tal-*pajjiż terz*) niċċertifika li:

II.1. It-territorju jew il-pajjiż tat-tluq huwa pajjiż membru tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) u jappartjeni għall-Kummissjoni Reġjonali tal-OIE għal ..... (ikteb isem il-Kummissjoni *Reġjonali tal-*OIE).

II.2. Illum, fi żmien 48 siegħa jew fl-aħħar jum ta' ħidma qabel id-data tat-tluq, l-għasfur/għasafar deskritt(i) fil-Kaxxa I.28 kien(u) soġġett(i) għal spezzjoni klinika u nstab(u) ħielsa minn sinjali ovvji ta' mard.

[1][2]jew [II.3. L-għasfur/għasafar:

[1]jew [jiġi/jiġu minn pajjiż terz jew territorju elenkat fl-ewwel kolonna tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V, l-Anness XIV jew l-Anness XIX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 u ġie/ġew iżolat(i) fil-bini speċifikat fil-Kaxxa I.11 taħt superviżjoni uffiċjali għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tluq u protett(i) b'mod effettiv mill-kuntatt ma' kwalunkwe għasfur/għasafar ieħor/oħrajn.]]

[1]jew [tlaqqam/tlaqqmu[3] fi …….. [jj/xx/ssss] u tlaqqam/tlaqqmu mill-ġdid [3] fi …… [jj/xx/ssss] b'tilqima liċenzjata kontra l-influwenza avjarja tas-sottotipi H5 u H7. It-tilqima ġiet amministrata f'dawn l-aħħar sitt xhur u mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data tat-tluq, f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur, u t-tilqim użat ma kienx tilqim ħaj.]]

[1]jew [ikun(u) ġie/ġew iżolat(i) għal perjodu ta' mill-inqas 14-il jum qabel id-data tat-tluq u jkun(u) ġie/ġew soġġett(i) għal test biex jiġu individwati l-antiġene jew il-ġenoma tal-influwenza avjarja H5 u H7 [4] li rriżulta negattiv, kif stabbilit fil-Kapitolu 3.3.4. dwar l-influwenza avjarja tal-Manwal ta' Testijiet Dijanostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE, it-8 Edizzjoni, 2018, imwettaq fuq kampjun meħud fi ….. [jj/xx/ssss], li ma jistax jittieħed qabel is-seba' jum ta' iżolament.]]

[1][5]jew [II.3. Is-sid jew il-persuna awtorizzata tkun iddikjarat[6] u pprovdiet evidenza[7] li hu/hi għamlu arranġamenti għall-kwarantina ta' wara d-dħul tal-għasfur/għasafar għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament wara l-wasla tagħhom fl-Unjoni Ewropea, fi stabbiliment ta' kwarantina approvat f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035.]

[1]jew [II.3. Is-sid jew il-persuna awtorizzata tkun iddikjarat[6] u pprovdiet evidenza[7] li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni tat deroga skont l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 għall-moviment mhux kummerċjali tal-għasafar fit-territorju tiegħu.]

II.4. Is-sid jew il-persuna awtorizzata tkun iddikjarat[6]u pprovdiet evidenza li:

II.4.1. L-għasfur/għasafar huwa/huma "annimal(i) domestiku/domestiċi" kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013, maħsuba għal moviment mhux kummerċjali.

II.4.2. Matul il-perjodu bejn l-ispezzjoni klinika ta' qabel il-moviment imsemmija fil-punt II.2 u t-tluq attwali, l-għasfur/għasafar jibqa'/jibqgħu iżolat(i) u ma jiġix/jiġux f'kuntatt ma' xi għasfur/għasafar ieħor/oħra.

[1]jew [II.4.3. L-għasfur/għasafar se jittieħed/jittieħdu f'dar jew f'residenza oħra fl-Unjoni Ewropea speċifikata fil-Kaxxa I.12 u mhux se jieħu/jieħdu sehem f'wirjiet, fieri, esibizzjonijiet jew f'ġemgħat oħra ta' għasafar matul il-perjodu ta' 30 jum wara d-data tad-dħul fl-Unjoni Ewropea, u li

[1]jew [l-għasfur/għasafar ġie/ġew iżolat(i) fil-bini ta' oriġini għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum eżatt qabel id-data tat-tluq mingħajr ma ġie/ġew f'kuntatt ma' kwalunkwe għasfur/għasafar ieħor/oħra.]]

[1]jew [l-għasfur/għasafar ġie/ġew imlaqqam/imlaqqma kontra l-influwenza avjarja tas-sottotipi H5 u H7 minn veterinarju.]]

[1]jew [l-għasfur/għasafar għamel/għamlu l-iżolament ta' qabel il-moviment ta' 14-il jum u ttestja(w) negattiv(i) f'test biex isib l-antiġene jew il-ġenoma tal-influwenza avjarja H5 u H7.]]

[1]jew [II.4.3. Saru arranġamenti għall-kwarantina ta' wara d-dħul tal-għasfur/għasafar għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament wara l-wasla tagħhom fl-Unjoni Ewropea, fl-istabbiliment ta' kwarantina ..... (ikteb l-isem tal-*istabbiliment ta' kwarantina*) indikat fil-Kaxxa I.12.]

COUNTRY:

Non-commercial movement of pet birds into a Member State from a territory or third country

II. Health information	II.a. Certificate reference No	II.b. IMSOC reference No

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.5: Konsenjatarju: indika l-Istat Membru tal-ewwel destinazzjoni

— Kaxxa I.7: Jekk applikabbli, ipprovdi l-kodiċi tal-pajjiż terz jew tat-territorju kif jidher fl-ewwel kolonna tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V, l-Anness XIV jew l-Anness XIX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċijiet SA rilevanti: 01.06.31, 01.06.32, 01.06.39.

— Kaxxa I.20: Indika l-għadd totali ta' annimali

— Kaxxa I.23: Applikabbli fil-każ ta' għasafar domestiċi mhux immarkati fit-territorju jew fil-pajjiż terz tat-tluq f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1933 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal movimenti mhux kummerċjali ta' għasafar domestiċi għal Stat Membru minn territorju jew pajjiż terz. Indika n-numru tas-siġill applikat mill-awtorità kompetenti tat-territorju jew tal-pajjiż terz tat-tluq fuq il-kontenitur tal-għasafar domestiċi.

— Kaxxa I.28: F'każijiet fejn l-għasafar għandu jkollhom marka individwali permanenti, li tista' tinqara u li ma tistax titneħħa, irid jiġi indikat il-kodiċi alfanumeriku u s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal klipp, faxxa tar-riġel, transponder injettabbli, jew ċomba) trid tiġi speċifikata.

Parti II:

(1) Żomm kif jixraq.

(2) L-għasafar iċċertifikati taħt dawn il-kundizzjonijiet iridu jiġu mmarkati individwalment f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1933 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-movimenti mhux kummerċjali tal-għasafar domestiċi fi Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz u n-numru jrid ikun indikat fil-Kaxxa I.28 taċ-ċertifikat veterinarju.

(3) It-tilqim imsemmi fil-punt II.3 jrid ikun amministrat minn veterinarju awtorizzat jew veterinarju uffiċjali tat-territorju jew tal-pajjiż terz tat-tluq. Il-kopja oriġinali jew iċċertifikata tar-reġistrazzjonijiet tat-tilqim għandhom jiġu mehmuża maċ-ċertifikat veterinarju.

(4) It-test għad-detezzjoni tal-antiġene jew tal-ġenoma H5 u H7 tal-influwenza avjarja imsemmi fil-punt II.3 irid ikun sar fuq kampjuni miġburin minn veterinarju awtorizzat jew veterinarju uffiċjali tat-territorju jew tal-pajjiż terz tat-tluq. L-oriġinal jew kopja ċertifikata tar-rapport tal-laboratorju għandu jinhemeż maċ-ċertifikat veterinarju.

(5) L-għasafar iċċertifikati taħt din il-kundizzjoni, fejn mhumiex immarkati individwalment f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1933 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-movimenti mhux kummerċjali tal-għasafar domestiċi fi Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz, iridu jitqiegħdu f'kontenitur issiġillat mill-awtorità kompetenti tat-territorju jew tal-pajjiż terz tat-tluq qabel it-tluq tagħhom lejn l-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1933 u n-numru tas-siġill irid ikun indikat fil-Kaxxa I.23 taċ-ċertifikat veterinarju.

(6) Id-dikjarazzjoni msemmija fil-punt II.3 u fil-punt II.4 għandha tinhemeż maċ-ċertifikat veterinarju u tkun konformi mal-mudell stabbilit fil-Parti 2 u r-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fil-Parti 4 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1938 li jistabbilixxi l-mudell tad-dokument ta' identifikazzjoni għall-movimenti mhux kummerċjali tal-għasafar domestiċi fi Stat Membru minn territorju jew pajjiż terz u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/25/KE.

(7) L-oriġinal jew kopja ċertifikata tar-rapport tal-laboratorju għandu jinhemeż maċ-ċertifikat veterinarju.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal perjodu ta' 10t ijiem mid-data tal-firma taċ-ċertifikat veterinarju mill-veterinarju uffiċjali tat-territorju jew tal-pajjiż terz ta' oriġini. Fil-każ ta' trasport bil-baħar il-perjodu ta' validità għandu tittawwal b'perjodu addizzjonali li jikkorrispondi għad-durata tal-vjaġġ bil-baħar.

PAJJIŻ: **Moviment mhux kummerċjali ta' għasafar domestiċi lejn Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz**

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza IMSOC
Il-veterinarju uffiċjali/Il-veterinarju awtorizzat Isem (b'ittri kbar) Kwalifika u titlu Data Timbru Firma		
L-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti (mhux meħtieġa meta tkun saret l-ispezzjoni klinika u ċ-ċertifikat veterinarju jiġi ffirmat minn veterinarju uffiċjali) Isem (b'ittri kbar) Kwalifika u titlu Data Timbru Firma		
L-uffiċjal fil-punt tad-dħul tal-vjaġġatur (meħtieġ biss meta l-għasafar domestiċi jkunu destinati għal stabbiliment ta' kwarantina approvat f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035) Isem (b'ittri kbar) Kwalifika u titlu Data Timbru Firma		

PARTI 2

Mudell tad-dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 30(3) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

Dikjarazzjoni

Jiena, il-veterinarju

Isem: .....

Indirizz: .....

Numru tat-telefown: .....

(ikteb id-dettalji tas-sid [a] *jew tal-persuna awtorizzata li għandha awtorizzazzjoni bil-miktub mis-sid biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid* [a] [b])

niddikjara li:

1. L-għasfur/għasafar se jakkumpanja(w) il-persuna hawn taħt iffirmata, u huwa/huma "annimal(i) domestiku/domestiċi" kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 maħsub(a) għal moviment mhux kummerċjali u mhuwiex/mhumiex maħsub(a) biex jinbiegħ/jinbiegħu jew jiġi/jiġu ttrasferit(i) lil sid ieħor.

2. L-għasfur/għasafar se jibqa'/jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-persuna sottoskritta matul il-moviment mhux kummerċjali tiegħu/tagħhom.

3. Matul il-perjodu bejn l-ispezzjoni klinika ta' qabel il-moviment minn veterinarju uffiċjali jew minn veterinarju awtorizzat u t-tluq attwali, l-għasfur/għasafar se jibqa'/jibqgħu iżolat(i) u mhux se jiġi/jiġu f'kuntatt ma' xi għasfur/għasafar ieħor/oħra.

4. ([a])*jew* [L-għasfur/għasafar se jiġi/jiġu ttrasferit(i) għal dar jew residenza oħra fl-Unjoni Ewropea ..... (*ikteb l-indirizz* [b]) u mhux se jieħu/jieħdu sehem f'wirjiet, fieri, esibizzjonijiet jew ġemgħat oħra ta' għasafar matul il-perjodu ta' 30 jum wara d-data tad-dħul fl-Unjoni Ewropea, u

   ([a])*jew* [l-għasfur/għasafar ġie/ġew iżolat(i) fil-bini ta' oriġini għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum eżatt qabel id-data tat-tluq għall-Unjoni Ewropea mingħajr ma ġie/ġew f'kuntatt ma' kwalunkwe għasfur/għasafar ieħor/oħra.]]

   ([a])*jew* [l-għasfur/għasafar ġie/ġew imlaqqam/imlaqqma kontra l-influwenza avjarja tas-sottotipi H5 u H7 minn veterinarju.]]

   ([a])*jew* [l-għasfur/għasafar għamel/għamlu l-iżolament ta' qabel il-moviment ta' 14-il jum u ttestja(w) negattiv(i) f'test biex isib l-antiġene jew il-ġenoma tal-influwenza avjarja H5 u H7.]]

   ([a])*jew* [Għamilt l-arranġamenti għall-kwarantina ta' wara d-dħul ta' 30 jum tal-għasfur/għasafar fl-istabbiliment ta' kwarantina ta' ..... ([b]) ([c]) ([d]), kif indikat fiċ-ċertifikat veterinarju korrispondenti.]

   ([a])*jew* [L-Istat Membru tad-destinazzjoni ta deroga skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 għall-moviment mhux kummerċjali tal-għasafar fit-territorju tiegħu ([d]).]

....
Data u Post Isem u Firma

Din id-dikjarazzjoni bil-miktub hija valida għal perjodu ta' 10t ijiem mid-data tal-firma taċ-ċertifikat veterinarju mill-veterinarju uffiċjali tat-territorju jew tal-pajjiż terz ta' oriġini. Fil-każ ta' trasport bil-baħar il-perjodu ta' validità għandu tittawwal b'perjodu addizzjonali li jikkorrispondi għad-durata tal-vjaġġ bil-baħar

([a]) Żomm kif jixraq.
([b]) Ikteb l-informazzjoni b'ittri kapitali
([c]) Ikteb l-isem, in-numru tal-approvazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-istabbiliment ta' kwarantina.
([d]) Trid tingħata evidenza lill-veterinarju uffiċjali tat-territorju jew tal-pajjiż terz.

PARTI 3

Rekwiżiti rigward il-ħruġ ta' ċertifikat veterinarju stabbilit fil-Parti 1

Dan li ġej għandu japplika għall-ħruġ taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fil-Parti 1 ta' dan l-Anness:

(a) Meta ċ-ċertifikat veterinarju jiddikjara li ċerti dikjarazzjonijiet għandhom jinżammu kif imiss, id-dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti jistgħu jiġu ingassati, inizjalati u ttimbrati mill-uffiċjal veterinarju, jew jitħassru għalkollox miċ-ċertifikat veterinarju.

(b) L-oriġinal ta' kull ċertifikat veterinarju għandu jkun magħmul minn folja waħda jew, meta jkun jeħtieġ li jiddaħħal aktar test, għandu jkun f'tali forma li l-folji kollha meħtieġa jiffurmaw ċertifikat veterinarju integrat sħiħ li ma jkunx diviżibbli.

(c) Iċ-ċertifikat veterinarju għandu jitħejja f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-dħul fl-Unjoni u bl-Ingliż u għandu jimtela b'ittri kapitali.

(d) Jekk maċ-ċertifikat veterinarju jinhemżu folji ta' karta addizzjonali jew dokumenti ta' sostenn, dawk il-folji ta' karta jew dokumenti għandhom jitqiesu wkoll bħala parti mill-kopja oriġinali taċ-ċertifikat veterinarju billi tiġi ffirmata u ttimbrata kull waħda mill-paġni mill-veterinarju uffiċjali jew mill-veterinarju awtorizzat.

(e) Meta ċ-ċertifikat veterinarju, inklużi kwalunkwe folja addizzjonali ta' karta jew dokumenti ta' sostenn imsemmija fil-punt (d), ikun magħmul minn aktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tiġi nnumerata, (numru tal-paġna mill-għadd totali tal-paġni), fin-naħa t'isfel tal-paġna u għandu jkollha fuqha n-numru tar-referenza taċ- ċertifikat veterinarju indikat mill-awtorità kompetenti fin-naħa ta' fuq ta kull paġna.

(f) L-oriġinal taċ-ċertifikat veterinarju għandu jinħareġ minn veterinarju uffiċjali tat-territorju jew tal-pajjiżi terz tat-tluq jew inkella minn veterinarju awtorizzat u sussegwentement approvat mill-awtorità kompetenti tat-territorju jew tal-pajjiż terz tat-tluq. L-awtorità kompetenti tat-territorju jew tal-pajjiż terz tat-tluq għandhom jiżguraw li jiġu osservati r-regoli u l-prinċipji għaċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Artikolu 86 sa 89 tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Il-kulur tal-firma/firem fuq iċ-ċertifikat veterinarju għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Dan ir-rekwiżit għandu japplika wkoll għal timbri għajr dawk ibbuzzati jew b'marka tal-ilma.

(g) In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat veterinarju msemmi fil-Kaxxi I.2 u II.a. taċ-ċertifikat veterinarju għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti tat-territorju jew tal-pajjiż terz tat-tluq.

PARTI 4

Rekwiżiti dwar il-ħruġ tad-dikjarazzjoni bil-miktub stabbilita fil-Parti 2

Id-dikjarazzjoni miktuba għandha tiġi abbozzata f'tal-anqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-dħul fl-Unjoni u bl-Ingliż u għandha timtela b'ittri kapitali.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).